KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 21

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 20

21.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-għoxrin il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

21.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

21.2.3 Fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli, il-minuti ġew approvati unanimament.

**Il-Ħin kien propju 5:10pm meta wasal il-Viċi Sindku, is-sur Daniel Mallia.**

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sur Dalli avża lil kunsilliera kif riċentament inbidlu l-uffiċjali tal-komunita (gwardjani) li kienu jagħmlu r-ronda tagħhom fir-raħal. Huwa esprima diżappunt għaliex dawn l-uffiċjali mhux jofru l-istess servizz bħal l-uffiċjali li kien hemm qabilhom u saħansitra qed jiġu kmieni ħafna milli suppost u jingħataw ħafna ċitazzjonijiet lir-residenti ta' bla bżonn. Pereżempju ċitazzjonijiet filgħodu kmieni fi sqaqien li ma jinfdux fejn il-karozzi li jkun hemm ipparkjati ma jkunux qed jostakolaw lil ħadd u anqas lit-traffiku. Is-Sindku prova jikkonsulta dwar dan ma' l-*authorized officer* tal-LESA nkarigat mill-Kunsilli, pero xorta waħda l-uffiċjali qed ikunu kmieni fir-raħal mas-sitta. Bil-kunsens tal-kunsill is-Sur Dalli qal li jekk ir-residenti ser jibqgħu jilmentaw dwar iċ-ċitazzjonijiet li qed jaqilaw, huwa lest jikteb lil Ministru direttament.

21.3.2 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill mal-Ministeru għall-agrikoltura, s-sajd, l-ikel u drittijiet tal-annimali taħt l-iskema *LC Care Project Grant support scheme 2020*, ġiet approvatha. Huwa qal kif is-somma li ser jibbenifika l-kunsill minnha għadha mhux magħrufa u flimkien mas-segretarju eżekuttiv huwa sejjer jiffirma l-kuntratt mal-ministeru nhar it-tlieta li ġej.

21.3.3 Is-Sur Dalli għarraf lil kunsilliera kif ir-Reġjun Ċentru bgħat imejl bl-isem '*Travel Grants for visits to European Municipalities'.* Huwa qal kif din l-imejl hija relatata mal-kors tal-kultura li kurrenti qed tattendi għalih is-Sinjorina Lorraine Farrugia. Huwa spjega kif jista jintagħżel rappreżentant mill-kunsill lokali fejn jingħata l-opportunita jżur reġjuni/postijiet barra minn Malta fuq konnessjoni ma' dan il-kors. Is-Sur Dalli qal li l-kunsill applika għal din l-opportunita u f'każ li l-kunsill ta' Ħal Lija jkun wieħed mill-kunsilli li jintgħażel mir-Reġjun Ċentru biex jattendi, l-kunsill ikun irid jagħżel rappreżentant biex jattendi. Is-Sur Dalli qed jissuġġerrixi li jekk filkas tattendi s-Segretarju Eżekuttiv, pero din hija xi ħaġa li l-kunsill ikun irrid jiddisukuti u japprova diment li jkun intgħażel mir-Reġjun biex jipparteċipa.

21.3.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li ser ikun qed issir il-*launching* tal-proġett ta' *Spinning photos* (skema finanzjarja 3/2020 tar-Reġjun Ċentru) fis- 17 ta' Diċembru 2020. Huwa fakkar lil kunsilliera kif il-kunsill kien applika għal din l-iskema u f'dan il-proġett ser tkun inkluża il-knisja parrokjali ta' Ħal Lija. Għal dan il-*launching* huma mistiedna biss is-Sindku u l-kappillan ta' kull raħal biss minħabba ċertu restrizzjonijiet ta' COVID 19. Pero s-Sur Dalli spjega kif umbgħad f'kull raħal ser jitweħħel qisu tip ta' moniter biex min ikun irid jara kif żviluppa dan il-proġett fil-lokalitajiet kollha nkluzi jkun jista jara dan pubblikament.

21.3.5 Is-Sur Dalli ta update dwar it-tqassim tal-COVID 19 *packs* li kien possibli jsir bl-għajnuna ta' skema finanzjarja 7/2020 maħruġa mir-Reġjun Ċentru. Anzjani li għandhom il-fuq minn sittin sena qed jingħataw *COVID pack* li jikkonsisti minn pakkett *antibacterial surface wipes*; pakkett ta' għaxar *disposable face maskes*, flixkun żgħir *hand sanitiser* u pakket *alcohol wipes*. Huwa qal li t-tqassim ta' dawn il-*packs* sejjer tajjeb ħafna u rringrazzja lil kunsilliera kollha li qed jgħinu fil-proċess tat-tqassim.

21.3.6 Is-Sur Dalli tkellem dwar it-tiżjien tal-Milied. Huwa nforma lil kunsilliera kif l-aħjar li t-tiżjien isir fil-pjazza biss għax inkella l-ispiża ser tkun waħda kbira ħafna jekk jkun hemm nkluż ukoll is-siġar sat-torri fuq iż-żewġ naħat. Il-Kunsill qabel.

21.3.7 Is-sindku tkellem fuq il-*pitch tal-5 aside* li l-kunsill applika għal *encroachment* fuqu mal-Lands. Huwa spjega kif il-persuna li kien qed jagħmel kuntatt magħha minn *Foundation of Schools for tomorrow* m'għadhux jaħdem f'din il-kariga u għalhekk ta lis-sindku d-dettajli tal-persuna li hemm responsabbli issa floku. Is-Sindku filfatt għamel kuntatt ma' din il-persuna l-ġdida u staqsa jekk għadtx hemm interess minn naħa tal-fondazzjoni li l-kunsill jingħata l-għajnuna biex jiġi rranġat dan il-*pitch*. Kif din il-persuna jkollha konferma dwar kif ser tiproċedi l-fondazzjoni, l-kunsill ikollu stampa aktar ċara jekk għandux jiproċedi mal-Lands bl-iffirmar tal-kuntratt għal *encroachment* jew inkella jekk għandux jiġi pospost kollox għal aktar il-quddiem u l-grawnd temporanjament jingħalaq minħabba s-sigurta tat-tfal.

21.3.8 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera li meta mar jiltaqgħa l-aħħar mar-*chairperson* ta' Transport Malta, huwa tah *sketch* tal-implementazzjoni tal-*one-way* li kien ippropona u qabel il-kunsill kollu li ssir fi Triq Carmelo Farrugia. Din il-*one-way* ġiet milqugħa u approvatha minn Transport Malta u l-kunsill għandu l-permess biex jimplementaha. Is-Sindku tal-opinjoni li din il-*one-way* tiġi mplementatha appena t-triq issir bit-*tarmac* minn IM għax huwa mhux ser joqgħod jiskomoda lir-residenti u persuni oħra jgħaddu minn din it-triq fl-istat imħarbat li hi. Il-Kunsill kollu qabel mal-opinjoni tas-Sur Dalli.

21.3.9 Is-Sur Dalli ta update dwar is-sistema ta' *one-way* li ġiet implementatha minn Transport Malta fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Huwa spjega kif ilu jitlob appuntament ma' *COO* u *acting CEO* ta' TM is-Sur Kevin Farrugia għal żmien twil ħafna. Dan l-appuntament baqa ma ngħatax pero s-Sur Dalli ltaqgħa ma' uffiċjal ieħor minn TM fuq is-sit dwar din il-kwistjoni, is-Sur Tommy Debono. Iż-żewġ toroq fl-akwata ta' Ħalmann ġew *one-way* bl-eċċezzjoni li traktors jistgħu jitħallew jgħaddu. Is-Sindku spjega lis-sur Debono kif huwa mhux kuntent b'din it-tabella u l-kunsill oriġinarjament talab li l-eċċezzjoni ssir għal bdiewa. Is-Sur Dalli żied jgħid ukoll li hija ħaġa tajba li karozzi ma jitħallewx jidħlu minn Triq Pantar pero minn naħa l-oħra t-triq ma tistax tkun *one-way* ukoll u trid tkun miftuħa. Filfatt huwa għadda dan is-suġġeriment lis-sur Debono fejn dan għandu jikkonsulta mal-bord internament. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia talbet lis-sindku biex anke jerġa jitressaq is-suġġeriment tat-*traffic lights.*

## 21.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

21.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 21.5 Laqgħa Annwali tal-Lokalita' – it-Tieni Laqgħa għas-sena 2020

21.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi artiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. It-Tieni laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena fejn fiha jiġu ppreżentati l-estimi finanzjari *(budget)* qabel il-laqgħa tal-kunsill li fiha l-kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja.

21.5.2 B'relazzjoni ma' dan is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif hija flimkien mas-sindku qed jaħdmu biex jipreparaw dan ir-rapport u ser tibgħat kopja tiegħu għall-attenzjoni tal-kunsilliera la jkun lest. Safrattant hija talbet lil kunsilliera biex flimkien mas-sindku jikko-ordinaw flimkien dwar kif ser tinżamm din il-laqgħa.

21.5.3 Is-Sindku s-Sur Dalli qal kif minħabba ċ-ċirkustanza preżenti ta' COVID19, din il-laqgħa jaf issir bi mod virtwali u huwa ħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dan. Is-sinjorina Pamela Borg spjegat kif: jekk dejjem ikun hemm l-approvazzjoni tal-kunsill; is-Sindku, l-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv jistgħu jiltaqgħu normali madwar il-mejda tal-kunsill daqs li kiku ser issir laqgħa bħas-soltu. Il-Laqgħa għandha tkun *streamed* onlajn fejn jiġu preżentati l-estimi finanzjajri tal-kunsill għas-sena 2021 u wara jsir kollegament bit-telefon ma' dawk ir-residenti li jkunu rreġistraw l-interess tagħhom għal din il-laqgħa. Hija kompliet tgħid li ser jiġi preparat avviż b'din l-informazzjoni kollha biex residenti jkunu jafu kif għandhom japplikaw ħalli jkunu jistgħu jagħmlu parti minn din il-laqgħa.

21.5.4 Wara diskussjoni żgħira li saret fejn ġie anke ssuġġeriet mis-sinjorina Lorraine Farrugia li jista jintuża microsoft teams biex issir il-laqgħa b'mod virtwali, l-kunsill unanimament qabel li għandu jintuża l-metodu li ssuġġeriet is-Sinjorina Borg. Kien hemm qbil ukoll li din il-laqgħa tinżamm nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020 fis-6:00pm.

## 21.6 Preparazzjoni tar-rapport tal-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021

21.6.1 Hawnhekk is-Sur Dalli qal li kif diġa qalet tajjeb is-Segretarju Eżekuttiv , diġa qed jiġi preparat il-qafas tar-rapport tal-estimi finanzjarji. Huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv bejn wieħed u ieħor diġa qed jikkalkulaw in-nefqa totali li ser ikollu l-kunsill għas-sena 2021.

21.6.2 Is-Sur Dalli żied jgħid li l-kunsill għadu ma rċeviex l-ittra tal-allokazzjoni għas-sena 2021 mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali u sakemm ma tasal din l-ittra, ir-rapport qatt ma jista jiġi komplut. Appena din tasal il-kunsill ser ikun jista jiprepara rapport aktar konrett li bejn wieħed u ieħor għandu jirrifletti d-dħul u l-ħruġ finanzjarju għas-sena 2021, bl-għajnuna tal-accountant.

21.6.3 Is-Sindku reġgħa fakkar lil kunsilliera biex jekk xi ħadd għandu xi proġett konkrett li jixtieq li jitwettaq għall-benefiċċju tar-residenti u biex ikun hemm aktar titjieb fil-lokalita, għandu jgħaddi l-proposti tiegħu lis-Segretarju Eżekuttiv. Dan biex b'hekk il-kunsill jinkludi dawn il-proposti wkoll fir-rapport tal-estimi finanzjarji għas-sena 2021.

## 21.7 Korrispondenza

21.7.1 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza nru 0635/20. Is-Sindku nfurmah kif kien hemm talba mingħand residenta biex tiċċaqlaq ir-*reserved parking bay* li hija tagħmel użu minnha minn kantuniera għal kantuniera oħra fl-istess triq. Hemm xi ġirien li qed joġġezzjonaw kontra dan u kitbu ttra bl-avukat u l-kunsill irċieva kopja ta' din l-ittra. Is-Sur Dalli qal kif dwar din it-talba ser jitlob parir mingħand TM jekk mhux possibbli li ssir.

21.7.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija dwar korrispondenza nru 0657/20. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv spjegawlha kif din kienet korrispondenza li titratta dwar il-każ ta' *flooding* li għandu l-kunsill. Is-Sur Dalli qal kif l-istorja ta' kif spiċċa dan il-każ inbidlet ftit meta l-perit Rizzo Naudi ddeċieda li jikteb u jappella s-somma li huwa ġie dovut iħallas u jaqsam bejn il-kunsill u l-kuntrattur. Diment li huwa għamel dan l-appell, il-każ reġa infetaħ u kemm il-kuntrattur u kif il-kunsill kellhom huma wkoll jissottometti l-appell tagħhom bħala risposta.

21.7.3 Is-Sur Zahra għamel domanda dwar korrispondenza nru 0663/20 bl-isem '*Trimming of Ħalmann Area*'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kunsill kiteb lil kuntrattur tal-ġonna u lil *contracts manager* biex jerġa jinqata il-ħaxix fl-akwata ta' Ħalmann kollu. Is-Sindku qal li xejn mhu kuntent bis-servizz li qed jiġi mgħotti mill-kuntrattur tal-ġonna , hemm ħafna affarijiet qed jibqgħu pendenti u sfortunatament il-*contracts manager* ftit li xejn qed jagħmel moniteraġġ tal-kuntratt ħlief meta jitlob il-kunsill. Is-Sindku ser ikun qed jagħmel kuntatt direttament mal-*contracts manager* diment li dan il-kuntrattur jibqa ma jwettaqx xogħlu kif suppost.

21.7.4 Il-Kunsillier Cini staqsa dwar korrispondenza nru 0644/20 'Kwotazzjonijiet- Bins u bankijiet – koptasin'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li dik hija korrispondenza bbażatha fuq skema maħruġa mill-Gvern Lokali, li l-kunsill diġa tkellem dwarha u approva fis-seduta preċedenti, għal tibdil ta' bins u bankijiet fil-bini tal-Gvern u l-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Hija ħadet ħsieb ġabet il-kwotazzjonijiet biex issottomettiet l-applikazzjoni tal-kunsill lokali.

21.7.5 Is-Sindku, s-Sur Dalli, għal darb oħra reġgħa ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera kollha biex; kemm jista jkun jaraw il-*file* tal-korrispondenza qabel is-seduta tal-kunsill. Dan biex il-kunsill ma jdumx jagħmel diskussjonijiet waqt is-sezzjoni tal-korrispondenza, speċjalment meta ċertu imejls li tintalab klarifikazzjoni fuqhom ikunu ta' materja ftit li xejn importanti, jitrattaw fuq affarijiet żgħar jew ikunu diġa ġew diskussi. Huwa qed jitlob biex il-ħin waqt il-laqgħa jiġi utilizzat aħjar.

## 21.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

21.8.1.1 <u>Approvazzjoni tal-*Performance Reports* tal-ħaddiema - CWSEF</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill u ċċirkulat il-*performance reports* tat-tlett ħaddiema li għandu l-kunsill mislufa mill-kumpanija *District Operations* taħt l-iskema *CWSEF*; George Sammut, Bjorn Borg u Andre Spiteri. Hija fakret lil kunsilliera kif skond l-*agreement* iffirmat li għandu l-kunsill ma' din il-kumpanija, il-kunsill obbligat iħallas somma żgħira bħala *performance bonus* fl-aħħar tas-sena lil dawn il-ħaddiema.

21.8.1.2 Is-Sinjorina Borg qalet li matul is-sena hija kontinwament tagħmel moniteraġġ tax-xogħol u l-*performance* ta' dawn it-tliet ħaddiema, flimkien mas-sindku. Filfatt hija qalet li tat *grading* xieraq lil kull ħaddiem fuq bażi tal-*performance* tiegħu matul is-sena 2020. Dan il-grading ġie mgħoti b'kunsultazzjoni mas-sindku. Is-Sinjorina Borg kompliet billi rringrazzjat lit-tlett ħaddiema tax-xogħol tagħhom iżda tenniet ukoll kif it-tlett ħaddiema għandhom fejn jimirħu

aktar u tixtieq li juru aktar interess u responsabbilta fil-linja tax-xogħol tagħhom. Filfatt mis-sena li ġejja ser ikun hemm aktar moniteraġġ fuqhom it-tlieta biex il-*performance* tagħhom tkompli titjieb aktar.

21.8.1.3 Il-Kunsill unanimament approva dawn it-tlett rapport.

21.8.2.1 <u>Skema Finanzjarja 7/2020 tar-Reġjun Ċentru – *COVID 19 Packs*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet informazzjoni lil kunsilliera dwar kif ir-Reġjun Ċentru ħareġ skema finanzjarja 7/2020, dan sabiex kunsilli lokali li jaqaw fi ħdanu jiġu rrifonduti lura l-ispejjeż relatati minnhom lir-residenti minħabba l-COVID19 f'Malta. Kull kunsill ser jibbenifika minn fond massimu ta' €5,000. Din l-informazzjoni diġa ġiet mgħoddija wkoll lil kunsilliera b'permezz ta' imejl.

21.8.2.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tispjega kif ir-Reġjun Ċentru diġa ħa ħsieb li jġib kwotazzjonijiet mingħand *suppliers* differenti, fejn dawn il-kwotazzjonijiet umbgħad ġew mgħoddija għar-referenza tal-kunsilli lokali. Il-kwotazzjonijiet ikkwotati għal covid19 packs kollha jikkonsistu minn: pakkett *antibacterial surface wipes*, pakkett ta' għaxar *disposable face masks*, flixkun żgħir *hand sanitiser* u pakkett *alcohol wipes*. F'idejn il-kunsilli lokali issa biex jagħżlu kwotazzjoni waħda li jixtiequ jipproċedu biha.

21.8.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hija dwar din il-materja diġa kkonsultat mas-sindku u peress li r-Reġjun ried tweġieba sal-20 ta' Novembru, huma flimkien iddeċiedew li tintgħazel l-irħas kwotazzjoni u biex dawn il-*packs* jitqassmu lil tfal minn Ħal Lija li jmorru l-iskola primarja u lil anzjani tal-lokal. Filfatt dawn il-*packs* diġa waslu l-kunsill u anke diġa bdew jitqassmu fir-raħal mis-sindku u l-kunsilliera.

21.8.2.4 Il-Kunsill unanimament qabel.

21.8.3.1 <u>Skema Finanzjarja 8/2020 tar-Reġjun Ċentru – Għajnuna Għall-Għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif għat-tieni darba, ir-Reġjun Ċentru reġgħa ħareġ l-iskema finanzjarja ta' għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru – 8/2020. Din il-korrispondenza diġa ġiet mgħoddija lil kunsilliera b'permezz ta' imejl u l-kunsill għandu ċans japplika għal dan il-finanzjament sa mhux aktar tard mid-29 ta' Frar 2021.

21.8.3.2 Is-Sinjorina Borg fakret lil kunsilliera kif is-sena li għaddiet kienu applikaw sitt għaqdiet u peress li l-fond huwa wieħed limitat, dak ta' €2,000; kienu fiċ-ċans li jibbenifikaw 3 għaqdiet biss. Il-Kunsill fir-rekordji tiegħu kien żamm l-applikazzjoni tat-tlett għaqdiet l-oħra li ma ġewx magħżulha biex f'każ li jerġa joħroġ l-fond ikun imiss lilhom biex jibbenifikaw minnu. Għalhekk hija xtaqet konferma mingħand il-membri tal-kunsill jekk għadtx għandhom il-pjan li jsir hekk biex hija tkun taf kif għandha tipproċedi l'quddiem.

21.8.3.3 Il-Kunsill unanimament qabel li l-pjan għandu jibqa l-istess u kif oriġinarjament kien miftiehem.

21.8.4.1 <u>Tiġdied tal-polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa 2021 – CIR AKL 2020/16</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li hemm bżonn tiġedded il-polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-kunsill lokali, dan peress li l-polza ta' assigurazzjoni li għandu l-kunsill eżistenti ser tiskadi. Din il-polza l-ġdida ser tkun qed tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-ħlas għal kull persna li hija impjegata jew membru tal-kunsill huwa ta' €50 għal *basic scheme*. Il-korrispondenza kollha relatata ma' din il-polza, kif mibgħutha mill-AKL ġiet mgħoddija lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

21.8.4.2 Il-Kunsill unanimament approva t-tiġdied ta' din il-polza.

21.8.5.1 <u>Talba biex titwessa parti mill-bankina fi Triq il-Forn kantuniera ma Triq Preziosi</u>
Persuna avviċinat lil kunsill biex titwessa parti mill-bankina li hemm fi Triq il-Forn kantuniera ma' Triq Preziosi, fejn il-*grasshopper bar* biex forsi b'hekk jitnaqqas il-parkeġġ illegali li qed isir u li qed ikun ta' ostaklu.

21.8.5.2 Is-Sindku wera *sketch* lil kunsilliera ta kif qed tintalab din it-talba. Il-kunsill unanimament approva din it-talba u għandha tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

21.8.6.1 <u>Talba għal bozoz ġodda fl-akwata ta' Ħalmann</u>
Tressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill biex jiġu mplementati bozoz ġodda fl-akwata ta' Ħalmann; fit-triq ta' Ħalman u Kjeriku Ġakbu Abela u kif ukoll fi sqaq ta' Sejduna.

21.8.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan u dawn il-bozoz għandhom jiġu mplementati bilmod skond kif jippermettu l-finanzi tal-kunsill.

21.8.6.3 Hawnhekk is-Sinjorina Lorraine Farrugia sosniet kif fi laqgħa oħra preċedenti hija diġa ressqet talba biex titweħħel bozza fi Triq Ħalmann fejn l-għelieqi. Hija qalet li kienet issuġġerriet li titweħħel din il-bozza biex jitnaqqas l-element ta' periklu u jkun hemm aktar dawl biex min ikun qed isuq fid-dlam ma jmurx jaħbat ġol-ħitan baxxi li hemm u jispiċċa jaqa fl-għelieqi għax hemm l-għoli. Is-Sindku ħa nota ta' dan u assiguraha li din il-bozza ser issir la qiegħda nkluża fil-lista tax-xogħlijiet.

21.8.7.1 <u>Talba għal *slow signs* u *slow markings*</u>
Resident qed jitlob biex fi Triq il-Kunċizzjoni, meta wieħed ikun tiela' għal Triq il-Mitħna, jiġu mplementati aktar *slow signs* u kif ukoll *slow markings* fit-triq.

21.8.7.2 Il-kunsill approva din it-talba minnufih.

## 21.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjes oħra

21.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 12/20 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €79.79 għax-xahar ta' Ottubru.

21.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien ssekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 21.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

21.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ġewwa Ħal Lija jidher li kien hemm waħda bin-numru PA 07741/20 fi Triq Giovanni Barbara kantuniera ma' Triq Pawlu Galea. Is-Sinjorina Borg qalet kif it-*town planner* tal-kunsill issuġġeriet li għandha tiġi sottomessa ttra ta' oġġezzjoni dwar din l-applikazzjoni. Għalhekk il-kunsill unanimament qabel ma' dan is-suġġeriment.

**Il-ħin kien propju s-6:00pm meta l-Viċi Sindku, s-sur Daniel Mallia ġie skużat biex jitlaq kmieni.**

## 21.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

21.11.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lil kunsill kif xi resident xorta qed jibqa jarmi ż-żibel li jkollu ħdejn l-għelieqi fi Triq Salvu Mifsud, minkejja t-tabelli li weħħel il-kunsill mal-ħitan biex ma jintefax żiebel. Il-Kunsill ma tantx jista jagħmel aktar dwar dan l-ilment ħlief li jintbgħatu l-gwardjani tal-ambjent biex jagħmlu ronda. Pero s-Segretarju Eżekuttiv qalet kif bħalissa lanqas il-gwardjani tal-ambjent ma jistgħu jintbgħatu għaliex is-servizz tagħhom ġie temporanjament sospiż minħabba l-*covid.* Is-Sindku anke ssuġġerrixa li jsir kuntatt mal-Lands biex forsi tingħata nformazzjoni ta' min hija din l-għalqa biex inaddafa u anke jagħmel xi ħaġa biex jillimita ċ-ċans li din l-għalqa ssir dumping area.

21.11.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia rrimarkat kif hija tixtieq *update* dwar it-tranġar li suppost kien qed isir fuq il-*bus shelters* fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif il-manutenzzjoni fuq il-*bus shelters* suppost qed issir bilmod madwar Malta kollha. Is-Sinjorina Borg ser tieħu ħsieb titkellem mal-kumpanija FACES u tagħti rendikont lura lis-sinjorina Farrugia appena jkolla risposta.

21.11.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet risposta mingħand is-sindku dwar x'kien ġara mill-ilment li hija kienet ressqet fuq mutur li fl-opinjoni tagħha mhux jipparkja kif suppost fi Triq Merino u jekk tistax issir *MC Bay* apposta. Is-Sindku qal kif din hija xi ħaġa li taqa taħt ir-responsabbilta tal-*LESA*. Huma l-uffiċjali tal-komunita li għandhom jaraw kif mutur għandu jkun ipparkjat kif suppost ġo kaxxa. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tibqa tirrakkomanda li ssir kaxxa ta' mutur u s-sindku qal li din hija xi ħaġa li huwa ser jieħu ħsieb jara jekk mhux bżonn issir jew le. Is-Sur Dalli f'din l-istess akwata qal li kellu wkoll talba biex il-parkeġġ fi Triq Merino jerġa jsir kif kien darba fil-passat u għalhekk ma jixtieqx jieħu deċizjoni mgħaġġla dwar din l-implementazzjoni.

21.11.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat *update* dwar il-kors tal-kultura li hija qed tattendi. Hija qalet kif minn dan il-kors tgħalmet li meta l-kunsill jiġi biex jagħmel xi attivita, tkun xi tkun l-attivita jrid isir *risk assesment*. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-sindku minnufih infurmawha li din hija xi ħaġa li l-kunsill diġa qed jagħmel u ġabu eżempju bir-*risk assesment* li sar fi Triq Sir Ugo Mifsud meta ttella il-festival taċ-ċitru l-aħħar. Is-Sinjorina Farrugia żiedet tgħid li meta anke tindaqq xi diska waqt xi avveniment wieħed irid iġib l-approvazzjoni tal-kompożitur qabel tindaqq. Is-Sur Zahra kkonferma li dan mhux vera minnu.

21.11.6 Is-Sur Dalli rrimarka jekk il-kunsill qadtx irċieva rapporti ta' *health and safety* fuq il-bandli li hemm fil-ġonna ta' Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat kif darba fix-xahar il-kunsill jirċievi żewġ rapporti fuq il-bandli li għandu fi żewġ żoni differenti minn enġinier imqabbad mir-Reġjun Ċentru. Il-kummenti li jkun hemm inkluż f'dawn ir-rapporti ma tantx ivarjaw minn xahar għal ieħor u dejjem saret il-manutenzzjoni meħtieġa fuq il-bandli skond kif indikat fir-rapporti. Is-Sinjorina Borg ser tieħu ħsieb li mill-lum il-quddiem tgħaddi kopja ta' dawn ir-rapport lis-sindku kull xahar diment li wera l-interess fihom.

21.11.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi progress fuq l-akkwist għal binja ġdida tal-kunsill. Is-Sindku wieġeb kif il-kunsill talab għall-għajnuna tal-lands biex il-kunsill forsi jingħata xi binja jew art vakanti fir-raħal pero ma kienx hemm risposta. Għalhekk huwa kompla jgħid kif qed jaħdem fuq *expression of interest* u appena din tkun lesta tintbgħat fid-djar tan-nies biex minn għandu jew jaf b'xi binja, art vakanti, forsi jikkuntatja lil kunsill.

21.11.8 Il-laqgħa ntemmet fil-6:10pm.

21.11.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |